MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1043/1994/1

**Il-Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Mid-Med Bank Limited u b'nota tad-19 ta' Ottubru 1999 il-bank attur informa li l-isem tieghu nbidel ghal-HSBC Bank Malta p.l.c. b'effett mill-l ta' Dicembru l999**

**vs**

**Anthony Mario Ellul**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi l-konvenut sarraf f'diversi ferghat tas-socjeta attrici dawk li apparentament kienu jidhru li huma sebat elef u mitt dollaru amerikan u ghalihom inaghta s-somma ta' elfejn sebgha mija u wiehed u erbghin lira, erbgha u disghin centezmu u seba millezmi (Lm2741.94,7);

Illi irrizulta li dawn id-dollari kienu foloz;

Illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jrodd lura l-imsemmija somma ta' Lm2741.94,7 lilu moghtija indebitament mis-socjeta attrici meta sarraf "is-sebghat elef u mitt dollaru amerikan" kif fuq inghadd u dan nonostante l-fatt li l-konvenut jaqbel li l-istess flus barranin kienu foloz;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn sebgha mija u wiehed u erbghin lira, erbgha u disghin centezmu u sebgha millezmi (Lm2,741.94,7) fuq imsemmija;

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April, l994 u bl-imghax legali mill-istess data kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi in linea preliminari, in vista tal-fatt li pendenti fil-Qrati ta' kompetenza kriminali hemm il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Mario Ellul" f'liema proceduri l-eccippjent qed jigi akkuzat bi pussess u spacc ta' valuta falza u sakemm din il-procedura penali tibqa sub judice,din l-Onorabbli Qorti ghandha tissorprasjedi stante

li l-ezitu ta' dawk il-proceduri jistghu jincidu fuq l-ezitu tal-presenti procedura;

2. Illi sunbordinatament fil-mertu, kuntrarjament ghat-tesi attrici, ma jirrizultax li l-eccippjent kellu valuta falza fil-pussess tieghu jew li spaccahom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-bank attur tas-17 ta' Marzu 1995 li biha giet ridotta t-talba bl-ammont ta' mitt dollaru amerikan (US$l00) li jekwivalu ghal-tmienja u tletin lira maltija, wiehed u sittin centezmuu u tmien millezmi (Lm38.61,8);

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Lulju 1995 li bih gie nominat bhala espert tekniku Thomas Hansworth sabiex jistabilixxi jekk il-karti ta' dollari amerikani mertu tal-kawza humiex fil-fatt foloz jew le u li bih gie ukoll nominat bhala espert legali l-Avukat Dottor Anthony Ellul sabiex jassisti lill-imsemmi espert tekniku;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar 1997 li bih gie sostitwit il-perit tekinku gia nominat u gie nominat minnflok Dr. Anthony Abela Medici bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 1998 li bih gie revokat l-inkariku mghoti lill-perit tekniku u lill-perit legali bid-digriet tas-7 ta' Luljhu 1995;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2000;

Ikkonsidrat:

Il-bank attur jippremetti li l-konvenut sarraf f'diversi ferghat tieghu dawk li apparentament kienu sebat elef u mitt dollaru amerikan u ghalihom inaghta s-somma ta' elfejn sebgha mija u wiehed u erbghin lira, erbgha u disghin centezmu u seba millezmi (Lm2741.94,7). Dawn id-dollari rrisultaw li kienu foloz u ghalhekk il-bank attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat jirrifondi l-imsemmija somma fi flus maltin. In vista tan-nota ta’ riduzzjoni tal-bank attur tas-17 ta' Marzu 1995 dan l-ammont gie ridott bis-somma ta' tmienja u tletin lira maltija, wiehed u sittin centezmu u tmien millezmi (Lm38.61,8) ghas-somma ta’ elfejn seba mija u tlett liri maltin tnejn u tletin centezmu u disa millezmi (Lm2703.32,9);

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi, in linea preliminari, li hemm pendenti fil-Qrati ta' kompetenza kriminali proceduri kontra tieghu in konnessjoni mal-fatti meritu ta' din il-kawza u ghalhekk, skond il-konvenut, din il-Qorti ghandha tissorprasjedi sakhemm ikun hemm ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali u dana peress li dawn jistghu jincidu fuq il-presenti procedura. Fit-tieni lok il-konvenut qed jeccepixxi li ma jirrizultax li huwa kellu fil-pussess tieghu valuta falza jew li spacca l-istess valuta;

Dwar dak li gie eccepit preliminarjament ghandu jinghad li hu ben mgharuf li l-proceduri civili huma ghal kollox awtonomi u indipendenti minn proceduri kriminali li jistghu jirrigwardaw l-istess fatti. Mhux il-kaz ghalhekk li jkun hemm sopprassessjoni f’dan il-kaz;

Mill-provi jirrizulta sufficjentement ipprovat li l-konvenut sarraf f'diversi ferghat tal-bank attur kwantita' ta' dollari amerikani li kienu foloz u li l-konvenut kien jaf li kienu foloz;

Il-konvenut stess ammetta li kien hu li sarraf id-dollari in kwestjoni gewwa varji ferghat tal-bank attur. Il-varji kaxxiera tal-bank attur li sarfu dawn id-dollari gharfu lill-konvenut bhala l-persuna li effettivament sarfet id-dollari in kwestjoni;

In effett dawn id-dollari ma gewx prodotti f'dawn il-proceduri peress li gew prodotti fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut in relazzjoni mal-istess fatti mertu ta’ dawn il-proceduri. Ma hemmx dubju pero’ li dawn id-dollari kienu effettivament foloz. Difatti, fost affarijiet ohra,  jirrizulta li uhud mill-bankonoti in kwestjobni kellhom l-istess numru tas-serje. Hu minnu li ghar-rigward ta’ dawn id-dollari, qabel ma ssarfu, saret verifika dwar l-awtenticita’ taghhom permezz ta’ testijiet appositi. Hu ben risaput pero’ li dawn it-testijiet mhux konklussivi u dawn jistghu jghatu esitu ta’ awtenticita’ meta fil-fatt il-bankonoti jkunu foloz. Hu minnu ukoll li l-konvenut talab huwa stess qabel ma ssarfu l-bankonoti li jsiru fuq l-istess bankonoti l-imsemmija testijiet. Dan seta sar mill-konvenut in via prekawzjonali. In effett il-konvenut stess jammetti li huwa kellu suspett li d-dollari setghgu kienu foloz. Inoltre rrizulta ukoll li meta l-konvenut sarraf id-dollari huwa ta’ dettalji foloz dwar ismu u fejn joqod u dwar in-numru tal-karta tal-identita’ tieghu;

Jirrizulta ukoll li minn tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-karozza u fl-ufficju tal-Mosta tal-konvenut nstabu bankonoti ohra ta’ dollari li kienu jixbhu hafna il-bankonoti in kwestjoni u li ghalhekk anke dawn kienu foloz. Barra minn hekk jidher li l-konvenut qieghed fin-negozju finanzjarju u ghalhekk kien facli ghalih li jinduna li d-dollari in kwesjtjoni kienu foloz. Hemm ukoll ittra li l-konvenut baghat lill-bank attur (dokument fol.5) fejn il-konvenut ammetta li huwa kellu jrodd lura lill-bank l-ammont in kwestjoni;

In vista ta’ dan kollu jirrizulta sufficjentement ipprovat li l-konvenut indebitament sarraf id-dollari in kwestjoni ghand il-bank attur, li da parti tieghu hallas hallas lill-istess konvenut ghal dawn id-dollari s-somma fuq indikata. Ghalhekk il-konvenut ghandu jirritorna din is-somma lill-bank attur.

Jigi rilevat li hawnhekk ghandu biss jigi pruvat li d-dollari in kwestjoni kienu foloz. Il-fatt jekk il-konvenut kienx jaf jew

le li d-dollari kienu foloz hi biss kwestjoni marginali. Jekk jirrizulta li l-bankonoti in kwestjoni kienu foloz allura hemm l-obbligu da parti tal-konvenut li jirrifondi l-flus li huwa ha ghall-istess bankonoti;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici, kif ridotti, ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici kif ridotti u tikkundanna l-konvenut ihallas lura lill-bank attur is-somma ta' elfejn seba mija u tlett liri maltin tnejn u tletin centezmu u disa millezmi (Lm2703.32,9) ghar-ragunijiet fuq indikati u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mis-6 ta' April l994 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------